MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008

Numru. 604/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Bond**

**vs**

**John Muscat**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat John Muscat iben il-mejjet John u l-mejta Nazzarena nee` Azzopardi mwieled in-Naxxar fl-24 ta` Frar, 1943 u residenti Nru 37, Triq l-Gherien tal-Wied,

Mosta u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 241643 (M) li gie imressaaq quddiemha akkuzat talli:-

a) Matul ix-xahar ta` Dicembru, 2004, fl-Imgarr, Malta, kkommetta serq ta` dghajsa flimkien mal-karru taghha li l-valur jaccedi l-Lm 100 izda inqas minn Lm 1,000, liema serq hu aggravat bil-valur u dan ghad-dannu ta` Vincent Zahra mill-Imgarr.

b) F`dawn il-gzejjer u matul l-istess zmien, xjentament laqa` ghandu jew xtara l-imsemmija dghajsa u karru li kienu gejjin mis-serq, kienu gew mehuda b`qerq, jew kienu gew akkwistati b`reat, jew xjentament, b`kull mod li jkun indahal biex ibighhom jew imexxihom.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-pprocediment, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 ta’ Lulju 2005 sabiex dawn il-proceduri jinstemghu u jigu decizi bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-11 ta’ Novembru 2005 ta’ l-kunsens tieghu sabiex il-kaz tieghu jinstema’ bi procedura sommarja u jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi f’dan il-kaz l-imputat odjern jinsab akkuzat bis-serq ta’ dghajsa u l-karru taghha mill-Imgarr, Malta. Alternattivament huwa jinsab akkuzat ukoll bir-ricettazzjoni tal-imsemmija dghajsa u karru.

Mill-provi rrizulta li fit-23 ta’ Dicembru 2003 certu Vincent Zahra ghamel rapport lil Pulizjia li bejn is-16 u t-18 ta’ Dicembru 2003 kienet insterqitlu dghajsa u karru waqt li dawn kienu parkeggjati quddiem ir-residenza tieghu f’Wied il-Palma, l-Imgarr. Irrizulta wkoll li fis-6 ta’ Gunju 2005 l-istess Vincent Zahra kien ghamel rapport iehor fis-sens illi kien indika li kellu nformazzjoni li d-dghajsa u l-

karru propjeta' tieghu kienu jinstabu f'garaxx Burmarrad. Huwa mar flimkien mal-Ispettur Bond u PS 1174 Adrian Sciberras fil-garaxx in kwistjoni, liema garaxx kien propjeta' tal-imputat odjern, u hemmhekk gharaf id-dghajsa u l-karru tieghu ghalkemm qal li d-dghajsa kienet giet irrangjata u kienet f'kundizzjoni ahjar minn meta insterqet.

L-imputat kemm meta irrilaxxja l-istqarrija a tempo vergine (esebita a fol. 15 tal-process) kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti dejjem sostna li kien sab id-dghajsa u l-karru f'kundizzjoni hazina il-Maghtab fejn huwa kien imur darba jew darbtejn fil-gimgha u ghalhekk huwa kien ha d-dghajsa u l-karru u irranga d-dghajsa u zammhom fil-garaxx tieghu f'Burmarrad. Huwa qal li dan il-garaxx kien ikun miftuh il-hin kollu u li t-tfal tieghu kienu dehlin u hergin minnu jddahlu l-vetturi taghhom fih. L-imputat sostna li huwa kien dispost jaghti lura d-dghajsa lil Vincent Zahra diment li dan tal-ahhar ihallsu tal-ispejjes li kien ghamel fid-dghajsa.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li effettivament huwa kien sab id-dghajsa u l-karru in kwisjtoni mitluqin f'kundizzjoni hazina il-Maghtab u kien ghalhekk iddecieda li jiehu tali dghajsa u karru u jirranghom. Irid jigi rilevat li meta xehed Vincent Zahra (ara deposizzjoni relattiva a fol. 20 sa 22 tal-process) huwa kien ikkonferma li meta nsterqet id-dghajsa kellha hsarat sostanzjali u huwa qal ukoll li lill-imputat ma kienx jafu u qatt ma kien rah fl-inhawi tad-dar tieghu.

Id-Difiza ghalhekk qed issostni li l-imputat sab id-dghajsa u l-karru abbandunati u huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jisraqhom fil-mument li hadhom. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza tal-**Qorti tal-Appell Kriminali** (sede inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **'Pulizjia vs Lorenzo Depares et'** (Appel numru 67/99) fejn intqal is-segwenti:-

*‘L-imputati ma kellhom ebda hsieb li kienu qed jaghmlu xi haga hazina jew kontra l-Ligi, u anqas u anqas li kienu qed jisirqu hwejjeg haddiehor; u ghalhekk f’dan il-kaz tonqos mhux biss il-fehma li tisraq (l-animus furandi) li huwa mehtieg biex wiehed ikun hati ta’ serq, izda l-istess fehma ta’ hazen (dolo generico) li minghajru ma jistax ikun hemm l-ebda delitt skond il-Ligi’.*

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak li qal il-kompjant Sir Anthony Mamo fl-opera tieghu ‘Notes on Criminal Law’ fit-Tieni Volum a fol. 275 fejn jghid hekk:-

*‘The abstraction or taking must be with the consciousness of abstracting or taking the property of others. Any honest mistake will negative this ingredient as where the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own. It would appear that any such mistake excludes theft even if it is incurred through negligence.’*

Il-gurista Francesco Antolisei fl-opera tieghu ‘Manuale di Diritto Penale, fl-Ewwel Volum tal-Parti Specjali f’pagna 294 jghid senjatament is-segwenti:-

*‘Il dolo nel furto richiede anzitutto la coscienza e la volonta’ di impossessarsi della cosa mobile altrui, sottraendola al detentore.*

*In ordine al primo requisito e’ appena il caso di far presente che esso implica la conoscenza dell’ altruita’ della cosa, come pure la conoscenza del dissenso del possessore, dissenso che, come gia’ e’ stato notato, e’ indispensabile preche’ si abbia la sottrazione.’*

Kif intqal aktar il-fuq il-Qorti jidrilha li l-imputat prova sal-grad ta’ probabilita’ li huwa kien sab id-dghajsa abbandunata u ghalhekk ma kellux l-intenzjoni li jisraq tali dghajsa u karru. Ghaldaqstant jidher li hemm nieqes l-element formali tar-reat ta’ serq li bih l-imputat jinsab akkuzat permezz tal-ewwel akkuza u konsegwentement l-imputat qed jigi dikjarat mhux hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Irid jigi rilevat ulterjorment li fl-akkuza tissemma d-data tax-xahar ta’ Dicembru 2004 bhala d-data tal-allegat serq tad-dghajsa u l-karru mentri mill-provi rrizulta lli Vincent Zahra kien irraporta li d-dghajsa u l-karru kienu nsterqu bejn is-16 u t-18 ta’ Dicembru 2003. Il-Prosekuzzjoni qatt ma talbet korrezzjoni fic-citazzjoni u ghal din ir-raguni wkoll l-imputat qed jigi liberat mill-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u dan stante li mill-provi bl-ebda mod ma rrizulta li l-imputat wettaq xi serq fid-data ndikata fic-citazzjoni.

Permezz tat-tieni akkuza l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-ricettazzjoni tad-dghajsa u l-karru in kwistjoni. Fil-fehma tal-Qorti una volta li qed jigi stabbilit li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbilita’ li huwa ma kellux l-intenzjoni li jisraq id-dghajsa u l-karru izda hadhom ghaliex sabhom abbandunati zgur ma jistax jinghad li jezistu l-elementi sabiex jissussisti r-reat ta’ ricettazzjoni kontemplat fl-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, anki ghaliex fir-reat ta’ ricettazzjoni irid jigi pruvat li s-serq sar minn terza persuna u mhux mill-akkuzat, u konsegwentement l-imputat qed jigi liberat anki minn din l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------